# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 24 ta' April, 2001 .

### Citazzjoni numru : 6/01G1(PC)

**Franco Scicluna ghan-nom u in rapprezentanza ta' ohtu l-imsiefra, Alice Knochelmann .**

VS

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ( kif rapprezentata) wara li ppremettiet :**

**Illi hi jisimha Alice Knochelmann nee' Scicluna u twieldet fit-tletin (30) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u disgha u tletin (1939) liema twelid hu registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Victoria, Ghawdex, permezz ta' l-att numru erba' mija u disgha (409) ta' l-elf disa' mija u disgha u tletin (1939) (Dok. A) ;**

**Illi dan l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid taghha, huwa skorrett stante li fil-koonna intestata "Isem tal-Wild" u "Ismijiet Moghtija, Ismijiet li bihom se jissejjah il-wild" L-isem huwa indikat u spellut bhala 'Ellis" meta fil-fatt dak proprju kellu jkun 'Alice' ;**

**Illi kif jirrizulta anke mic-certifikat tal-maghmudija mahrug mill-parrocca tax-Xaghra, Ghawdex l-isem gie miktub bhala 'Alice' . Hekk ukoll jidher fuq ic-certifikat taz-zwieg kemm dak mahrug mir-registru pubbliku, kif ukoll dak mahrug mill-Parrocca matrici tal-kattidral ;**

**Illi l-attur nomine jrid li dan l-att jkun ikkorregut, b'mod illi kull fejn fuq jinkorri l-isem ta' 'Ellis' dan ghandu jigi kkorregut u sostitwit bl-isem 'Alice' .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Tiddikjara l-att tat-twelid numru erba' mija u disgha (409) ta' l-elf disa' mija u disgha u tletin (1939) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat .**
2. **Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid numru erba' mija u disgha (409) ta' l-elf disa' mija u disgha u tletin (1939) relattiva ghat-twelid ta' l-attrici (kif rapprezentata) billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem spellut 'Ellis' dan ghandu jigi sostitwit u miktub 'Alice' .**

**Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut debitament imharrek ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici kkonfermata skond il-ligi mill-attur nomine, Franco Scicluna .**

**Rat ic-certifikati annessi bhala dokument "A", "B", "C", u "E" .**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li ppremetta :**

1. **Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba . Salv li jkunu l-ahjar u ammissibbli skond il-ligi .**

2. **Illi huwa m'ghandux ibati spejjez .**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-gurament minn Nutara Dr. Mary Debono Borg skond il-ligi .**

**Rat l-affidavit tal-attrici, ipprezentat seduta stante permezz ta' nota ipprezentata minn Dr. Kevin Mompalao .**

**Il-Qorti, ghal hekk u peress li jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, u**

1. **Tiddikjara l-att tat-twelid numru erba' mija u disgha (409) ta' l-elf disa' mija u disgha u tletin (1939) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat .**

2. **Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid numru erba' mija u disgha (409) ta' l-elf disa' mija u disgha u tletin**

**(1939) relattiv ghat-twelid ta' l-attrici (kif rapprezentata), billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem spellut 'Ellis' dan ghandu jigi sostitwit u miktub 'Alice' .**

**In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S601Pc
522